**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 3/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Kevin Ellul Bonici)**

**Vs**

**CARMEL DEGIORGIO**

**Illum, 21 ta'Frar, 2002**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel Degiorgio li permezz taghhom hu gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul is-sena 1995, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda :

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi nqeda b'qerq jew ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' hila jew ta' krediti immaginarji, u cioe', billi gieghel li jinghata kunsinni ta'artikoli tad-deheb sabiex ibieghhom lill-terzi meta kien jaf li ma kienx ser ihallas tal-kunsinni

kollha, ghamel qligh ta' aktar minn Lm40,000 bi hsara tal-konjugi Marie w Lewis Carabott (Art. 308, 309 u 310 (a) tal-Kap. 9) ;

2. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, minn artikoli tad-deheb u somom ta' flus li globalment jeccedu il-Lm41,000, liema artikoli tad-deheb u somom ta' flus mill-bejgh tieghu kienu jappartjenu lill-imsemmija konjugi Carabott, u li kienu gew ikkunsenjati u/jew fdati lilu minhabba kummerc, kariga jew servizz tieghu, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tad-deheb u/jew tal-flus, jew li jsir uzu minnhom specifikat (Art. 293, 294 u 310 (a) tal-Kap. 9).

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fl-20 ta'Dicembru, 2000, li biha, filwaqt li ma sabetx lill-Carmel Degiorgio hati ta' l-ewwel akkuza w illiberatu minnha, sabitu hati tat-tieni imputazzjoni w ikkundannatu ghall-tmintax (18) il-xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap, 9, din is-sentenza giet sospiza ghall-zmien tlett snin. Inoltre bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 H tal-Kap.9, dik il-Qorti obbligat lill-Carmel Degiorgio li jirrestitwixxi lis-sinjuri Carabott is-somma ta' Lm41,000 fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza taghha.

Rat ir-rikors t'appell ta'Carmel Degiorgio datat 2 ta'Jannar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi. Alternativament talab li f'kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija, timmodifika l-piena nflitta mill-ewwel Qorti billi filwaqt li tikkonferma l-applikazzjoni tas-sentenza sospiza ai termini ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, ma tapplikax l-Artikolu 28 H tal-Kap. 9, u jekk tikkonferma l-applikazzjoni anke ta' dan l-Artikolu 28 H tal-Kap. 9, tordna li s-somma li hu jkun obbligat li jrodd lura lill-konjugi Carabott tkun wahda inferjuri w/jew wara li din tkun giet stabbilita minn Tribunal Civili.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli, skond hu, l-ewwel Qorti interpretat erroneament dak li tirrikjedi l-ligi sabiex ikun hemm ir-reat ta' misappropprijazzjoni.

Din il-Qorti ghalhekk, ezaminat bir-reqqa kollha l-provi li tressqu f'dawn il-proceduri sabiex tara jekk dak li qed jallega l-appellant hux minnu jew le. Dan ghamlitu fil-funzjoni taghha ta'Qorti ta'Revizjoni biex tara jekk l-ewwel Qorti, in bazi tal-provi li kellha quddiemha, setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-dawk il-konkluzzjonijiet li fil-fatt waslet ghalihom.

Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija wahda dettaljatha hafna li fiha hemm migbura dak li essenzjalment xehdu il-partijiet koncernati f'dawn il-proceduri. Minn dak li kkonstatat din il-Qorti hi tasal biex taqbel mal-konkluzzjoni milhuqha mill-ewwel Qorti li l-agir kollu ta' l-appellant f'din il-kwistjoni jinkwadra ruhu perfettament fl-elementi rikjesti mil-ligi sabiex jikkonfigura ir-reat ta' approprijazzjoni indebita. L-agir ta' l-appellant juri abbuz tal-fiducja li tawh il-konjugi Carabott, specjalment mis-sinjura Carabott li fdat hafna lill-appellant u riedet tghamel minn kollox biex tghinu.

Mill-apprezzament tal-provi li sar minn din il-Qorti, hi ma ssib ebda raguni l-ghaliex ghandha b'xi mod tindahal fid-diskrezzjoni ezercitatha mill-ewwel Qorti jew li tasal biex tirrimpjazza l-apprezzament tal-provi li sar minnha ghal dak li sar mill-ewwel Qorti. Ma ssib ebda raguni valida legalment l-ghaliex ghandha b'xi mod tvarja xi haga minn dak li ddecidiet l-ewwel Qorti kemm ghal dak li huwa l-meritu kif ukoll ghal dik li hija l-piena nflitta minn dik il-Qorti. Jekk sar xi ftehim bejn l-appellant u l-konjugi Carabott kemm ilhom dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti ta'Revizjoni, dan ma jbiddel xejn minn dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti. Li jinteressa lil din il-Qorti hu jekk dik il-Qorti setghetx legalment u

ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha in bazi tal-provi li kellha quddiemha, u fuq dan ma hemm ebda dubju kif gja' intqal.

Ghalhekk l-appell ta' Carmel Degiorgio huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermatha fl-intier taghha.

Joseph Sammut
Dep. Registratur